# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 281/13MH**

**Illum 24 ta' Ottubru, 2016**

**Mary Farrugia (I.D. Nru 786157 M)**

**vs**

1. **Agnes Borg (I.D. Nru. 0364850 M)**
2. **Bosede Bolale Florounso (I.D. Nru. 0024276 A)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tar-rikorrent fejn gie premess:

(1) *"Illi nhar is-5 ta' Lulju, 2010 ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghodu (6.30am) fi Triq il-Wileg, San Pawl il-Bahar waqt li kienet miexja fuq il-bankina sfat imtajra minnkom jew min minnkom waqt li l-konvenuta Agnes Borg kienet qed issuq il-vettura tal-ghamla 'Peugeot 205' bin-Numru tar-Registrazzjoni 'DAT-595' filkwaqt li l-konvneuta l-ohra Bodese Bolanle Florounso kienet qed issuq l-vettura tal-ghamla 'Skoda Felicia' bin-Numru tar-Registrazzjoni 'BBL-138';*

*(2) Illi dan l-incident sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas tal-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti jew min minnhom;*

*(3) Illi b'rizultat ta' dan l-incident l-esponenti garrbet danni ingenti konsistenti anke f'debilita` permanenti oltre ghal danni materjali ohra;*

*(4) Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha sofferti mill-esponenti izda huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Jghidu ghalhekk l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

*(i) Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-5 ta' Lulju, 2010 ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghodu (6.30am) fi Triq il-Wileg, San Pawl il-Bahar waqt li l-esponenti kienet miexja fuq il-bankina u sfat imtajra mill-konvenuti jew min minnhom meta l-konvenuta Agnes Borg kienet qed issuq il-vettura tal-ghamla 'Peugeot 205' bin-Numru tar-Registrazzjoni 'DAT-595' filkwaqt li l-konvneuta l-ohra Bodese Bolanle Florounso kienet qed issuq l-vettura tal-ghamla 'Skoda Felicia' bin-Numru tar-Registrazzjoni 'BBL-138', u ghad-danni kollha li garrbet ir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-istess incident;*

*(ii) Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku fuq riferit, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u*

(iii) *Tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom biex ihallsu/thallas lir-rikorrenti dak l-ammont li jigi likwidat u dikjarat lilha dovut in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittri ufficjali, tal-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji kollha u tal-ittra ufficjali li ghandha tigi pprezentata ghan-notifika tal-assikurazzjoniji tal-intimat bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta tal-konvenuta Bosede Bolanle Florounso prezentata fl-1 ta' Ottubru 2013 li permezz taghha esponiet:

1. *"Preliminarjament, in-nullita tar-rikors promotur u dana stante li ma huwiex mahluf mill-attrici.*
2. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-esponenti u ghalhekk l-ewwel talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b' xi tort tal-intimata izda sehh minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' terzi, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*
3. *Illi dwar it-tieni talba attrici din ghandha tkun rigettata wkoll billi fejn jirrigwarda l-esponenti u dana peress li ma hemmx danni li ghalihom hi responsabbli l-esponenti peress li l-esponenti ma tahtix ta' dawk id-danni li qieghda tallega li qieghda issofri l-attrici u in oltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost l-proceduri kriminali relatati mal-kaz odjern ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.*

4. *Isegwi ghalhekk li anke t-tielet talba kif dedotta kontra l-esponenti ghandha tkun michuda ukoll u dana stante li l-intimata m' ghandhiex tkun ikkundannata thallas danni lir-rikorrenti.*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessibli mil-Ligi.*
6. *Illi l-intimata m' ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri."*

Rat ir-risposta tal-konvenuta Agnes Borg prezentata it-23 ta' April 2014 li permezz taghha esponiet:

1. *"Illi r-responsabbilta'' ghall-incident stradali li sehh fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) hija ammessa.*

2. *Illi gja saru hlasijiet mis-socjeta' assikuratrici ta' Agnes Borg lit-terzi persuni ohra u s-socjeta' Assikuratrici tal-intimata kienet fi process ta' negozjanti mar-rikorrenti sa ftit gimghat ilu.*

3. *Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi."*

Rat l-atti kollha tal-kawza d-dokumenti kollha imressqa u prezentati u ix-xhieda migjuba.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet li prezentaw il-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza. Rat ukoll illi fl-ahhar seduta il-partijiet qablu li ma kienx hemm bzonn ta' trattazzjoni, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghan-nhar 24 ta' Ottubru, 2014.

## Ikkonsidrat

## Affidavit ta' l-attrici[1]

Spjegat li qabel l-incident hija kienet mara tad-dar attiva, taghmel kollox wehidha. Fl-incident hi spiccat mghaffga bejn karozza u hajt tant li l-hajt waqa' biha. Spjegat li konsegwenza ta' hekk hi kienet ghadha mugugha u li kienet ghada tircievi t-terapija. Qalet ukoll illi kienet giet operata f'saqajha it-tnejn ghal diversi drabi, dejjem konsegwenza ta' l-incident u li kienet f'qaghda kritika hafna. Damet l-isptar madwar xahar. Baqghet tmur ghat-terapija ghal seba' xhur wara u damet ghaxar xhur bil-krozzi, tghid ukoll li minhabba l-ugigh xorta gieli jkollha tirrikorri ghalihom.

Spjegat li kienet taht il-kura ta' Massimo Abela u li minhabba l-ugigh kontinwu kienet tbati biex timxi, tbati jekk ddum bil-wieqfa fit-tul, kif ukoll li l-ugigh kien jippersisti anke meta kienet tkun bil-qeghda. Qalet li fuq rakkomandazzjoni ta' Mr Abela kellha sahansitra tixtri rota u apparat iehor ta' gym, dan biex hi tkun tista tkompli t-terapija d-dar. Kellha tibdel is-saqqu u tixtri slippers apposta. Ghamlet referenza ghal-ircevuti gia esebiti mar-rikors guramentat.[2]

Kompliet li apparti ghal ugigh fiziku, hija kellha anke tirrikorri ghand il-psikjatra Etienne Muscat peress li konsegwenza ta' l-incident kienet qeghda tbati minn mumenti ta' depression; li kienet tibza' fit-triq tant li meta taqsam tassigura li maghha jkollha jew lil zewgha, jew ohtha jew xi hadd iehor maghha. Dan ghax baqghet tibza' mill-karozzi.

---

[1] Folio 300

[2] Fil-fatt l-attrici kienet qed tirreferi ghad-dokumenti minnha esebiti man-nota tsl-11 ta' April, 2014 a fol 31 Dok XI sa X10 u X12 sa X21 folio 34 – 53.

Minhabba d-depression ghamlet zmien twil tiehu l-pirmli pero tghid li issa kienet naqset il-frekwenza taghhom.

Ziedet li wara l-operazzjoni kellha anke tirrikorri ghand l-ispecjalista Dr. Edgar Pullicino minhabba problemi fl-intern. Inzammet anke gimgha l-isptar.

Qalet ukoll li kellha wkoll tirrikorri ghal ghajnuna biex taghmel certu xoghol tad-dar bhal hasil tal-hwejjeg u ghal dan kienet thallas bejn €25 u €30 ewro fil-gimgha.

Spjegat li illum il-gurnata kienet thossha dipendenti fuq zewgha, fuq il-membri tal-familja u terzi peress li ma setghetx taghmel facendi u li kienet thossha *unsafe* meta tmur wehidha x'imkien. Tghid li dan hu kontrarju ghal kif kienet qabel l-incident fejn kienet taghmel kollox wehidha u ddiskriviet lilha nnifisha bhala mara attiva f'dak iz-zmien.

**Affidavit ta' Angelo Farrugia, zewg l-attrici.**[3]

Minn naha tieghu dana qal li martu l-attrici dejjem hadet hsieb il-bzonnijiet tal-familja, dawk li jikkoncernaw facendi tad-dar, bhal xiri u bzonnijiet ohra, bhal mara tad-dar tipika. Spjega illi d-dar taghhom ghandha ghaxar (10) targiet minn barra, pjan b'sebgha (7) t'ikmamar u tarag ghal fuq fejn ghandhom kamra ohra, kif ukoll tarag iehor ghal basement. Qal ukoll li martu dejjem hadet hsieb id-dar wehidha u anke li ghandhom binhom guvni li jghix maghhom id-dar li kien ghadu qed jistudja.

Qal li fil-gurnata ta' l-incident, bhas-soltu martu marret timxi u gie nfurmat biex imur malajr fuq il-post ta' l-incident ghax martu kienet qeghda f'kundizzjoni

[3] Fol 308 Dok. AF

gravi u li kienet se titlef saqajha. Jghid li martu ghaddhiet minn diversi operazzjonijiet, li damet tlett gimghat l-isptar u li kellha anke griehi f'idejha. Harget mill-isptar bil-wheelchair. Spjega li darba li waslet d-dar kellha toqghod fis-sodda u li damet kienet tmur ghat-terapija ghal seba' xhur. Qal ukoll li martu ma waqfitx tmur ghand tobba u specjalisti minhabba ugigh f'saqqajha u daharha. Qal li kienet u baqghet tuza l-krozzi u kienet anke tuza suletti appositi.

Qal ukoll li martu wara l-incident ma baqhetx taghmel l-affarijiet normali bhal facendi fid-dar u li kienet tmur ohtha biex tghinha f'hekk. Zid li hu u martu minhabba din is-sitwazzjoni kienu anke qed jikkonsidraw illi jbieghu darhom u jixtru ohra minghajr tarag.

Iddiskriva lil martu qabel l-incident bhala mara attiva u habrika mentri jghid li issa kienet tibza' minn kollox, ma tohrogx wehidha mid-dar, tmur torqod kmieni, titkellem ta' spiss fuq l-incident, taqta' qalbha minn kollox tant li sahansitra kellha tirrikorri ghand il-psikjatra Etienne Muscat. Qal li kienet tiehu anke il-kalmanti. Iddeskriva li hi kienet saret nervuza ma tiehu pjacir imkien.

Spjega ukoll li martu ma kienetx baqghet li kienet u dan mhux biss kagun ta' ugigh f'daharha, tant li ma kienetx baqghet taghmel il-facendi tad-dar jew tmur timxi. Anke qal li kienu qed jghinuha hu, binha u oht martu ghax ma kienitx tiflah ghal strapazz .

Ta' deskrizzjoni ta' martu qabel l-incident bhala mara attiva ad diferenza ta' wara fejn skontu saret tibza minn kollox tant li lanqas kienet tohrog wehidha mid-dar, trid il-wens ta' xi hadd. Qal li kien anke drabi minnhom kostrett li jfalli x-xoghol biex joqghod maghha d-dar. Zid li martu saret tmur torqod kmieni hafna u anke tqum tibki bil-lejl, tibki fuq dak li gralha. Qal li kienet ta' spiss titkellem fuq l-incident u fuq dak li gralha, taqta qalbha minn kollox, tant li kellha tirrikorri ghand psikologista Dr.Etienne Muscat. Spiccat tiehu l-kalmanti. Qal ukoll li l-intimita' ta' bejniethom kienet spiccat ghal kollox. Qal ukoll li

kienet tidejjaq tohrog u ma tiehu pjacir imkien tant li fil-present spiccaw kwazi ma johorgux flimkien aktar.

Bhala provi dokumentarji l-attrici prezentat varji dokumenti.

Dok A : Kopja tar-rapport ta' l-incident redatt mill-pulizija inkluz ricevuta ghax-xiri ta' l-istess.[4]

Dok B : Certifikat mediku rilaxxat minn Mr Massimo Abela.[5]

Dok C : Kopji ta' ittri ufficjali mibghuta.[6]

Dok X1-X2: Kopji ta' ricevuti ta' spejjez inkorsi ta' medicina u apparat ta' riabilitazzjoni.[7]

Dok X12-X21: aktar ircevuti.[8]

Dok X22: Certifikat tal-psikjatra Dr.Etienne Muscat.[9]

Dok Y1-Y5 Sensiela ta' ritratti tal-lok ta' l-incident u feriti u griehi sofferti mill-attrici fl-istess.[10]

Dok Z: Prospett ta' danni.[11]

Dok GS1: Kopja tal-file mediku .[12]

Dok MF1-MF7: sensiela ta' ritratti relatati ma spejjez ghal kura inkorsi mill-attrici u tul il-mori tal-kawza.[13]

---

[4] Fol 6- 10
[5] Fol 11 – 14.
[6] Fol 15 - 16
[7] Fol 34 - 43
[8] Fol 44-59
[9] Fol 54
[10] Fol 55- 59
[11] Fol 60
[12] Fol 73- 270

Dok MA: - Ricevuta (kopja) ta' spejjez inkorsi ghal-konsultazzjoni f'Tat-Targa Health Clinics datata 30.6.15.[14]

Ir-rikorrenti esebit ukoll kopja tal-process kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Agnes Borg.[15] Jirrizulta mill-istess atti illi fl-istanza kriminali l-konvenuta Agnes Borg ammettiet l-akkuzi mressqa kontriha fil-konfont ta' l-incident stradali li kien il-kagun tad-debilita' sofferta mill-attrici.

**Der resto kif jirrizulta mir-risposta guramentatata ta' l-istess konvenuta Agnes Borg ir-responsabbilta'' ghall-incident stradali li sehh fil-hamsa (5) ta' Lulju, tas-sena 2010 hija minnha ammessa.**

Rat ukoll ir-relazzjoni[16] redatta mill-periti mahtura minn din il-Qorti, is-Sur Jason Zammit, Dr. Joseph Cassar u Dr. Paul Cachia[17]. Senjatament fl-istess gie konkluss illi *" Billi s-sinjura Farrugia qed tbati minn debilita' permanenti ta' natura ortopedika u debilita' permanenti ohra ta' natura psikjatrika huwa necessarju li jigi stabbiliti l-principji legali li jikkoncernaw il-komputazzjoni tal-weighted average."*[18]. Qalu ukoll *"**<u>Applikazzjoni tal-principju dwar il-weighted average ghall-kaz odjern</u>** <u>……..</u>Illi fid-dawl tal-principji legali tal-gurisprudenza fuq enuncjati, wara li l-esperti medici qisu l-effetti fizici u psikologici taz-zewg debiltajiet permanenti b'mod prattiku fuq il-persuna shiha ta' l-attrici u fl-ambitu bijologiku shih tal-persuna taghha inkluz l-eta' u l-kundizzjoni prezenti taghha, hija l-fehma umli taghhom illi l-weighted average*

[13] Fol 310 - 316
[14] Fol 330.
[15] Fol 272-299. F'dan ir-rigward vide ukoll digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 16 ta' Gunju, 2014 a fol 70.
[16] Fol 323
[17] Digriet datat 24 ta' Gunju, 2014 folio 302.
[18] Fol 327

*ta' dizabilita' permanenti sofferta mill-attrici minhabba l-incident tat-5 ta' Lulju hija ta'* ***14%****"*[19].

**Ikkunsidrat**

**L-Eccezzjonijiet ta' Bosede Bolanie Florounso.**

Nullita' tar-rikors promotur in vista tal-fatt li mhuwiex mahluf mill-attrici. Din l-eccezzjoni hija wahda bla ebda bazi stante li jidher car illi r-rikors guramentat gie debitament mahluf sahansitra qabel il-prezentata tieghu fit-22 ta' Marzu, 2016 dana fis-7 ta' Marzu ta' l-istess sena. Konsegwentement dina l-eccezzjoni qeghda tiġi michuda.

Fit-tieni u t-tielet u raba' eccezzjoni mressqa minn **Bosede Bolanle Florounso** huwa jikkontesta kemm ir-responsabbilta' tieghu ghal akkadut incident stradali kif ukoll u per konsegwenza li ghandu jigi kkundanat ghal hlas ta' danni sofferti mill-attrici kif likwidati. Jilqa' ghalhekk ghat-talbiet attrici kif mressqa fil-konfront tieghu.

Tqies illi fl-istess eccezzjonijiet precizament fit-tielet, il-konvenut imsemmi jilqa' ghat-talbiet attrici minghajr pregudizzju ghal dak li kellu jkun l-ezitu ta'l-akkuzi kriminali relatati mressqa kontrih. Tinnota ukoll il-Qorti illi ghalkemm gie hekk verbalizzat[20], pero' qatt ma giet prezentata fl-atti odjerni l-istess sentenza moghtija mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront ta' l-istess konvenut. Pero l-eccezzjoniiet tal-konvenut Bosede jridu jittiehdu in konsiderazzzjoni ukoll ma' l-ammissjoni ta' responasibbilta' ghal-incident *de quo* li giet registrata mill-konvenuta **Agnes Borg**.

[19] Fol 328
[20] Fol 331

**Eccezzjonijiet Agnes Borg**

Fl-istess u kif gia inghad il-konvenuta Borg ammettiet ir-responsabbilta' ghal incident stradali tal-5 ta' Lulju, 2010. Eccepiet ukoll illi is-socjeta' assiguratrici taghha kienet gia affettwat hlasijiet lil terzi u li l-istess socjeta' kienet fi trattativi mar-rikorrenti dwar l-istess.

**Ikunsidrat**

Illi jirrizula nkontestat illi l-konvenuta Agnes Borg hija l-unika responsabbli ghal incident stradali mertu ta' kawza. Jinghad ukoll illi din ir-responsabbilta' giet anke kristallizata fil-proceduri kriminali mressqa kontriha dan kif jirrizulta mill-ati relattivi prezentati.[21]

Accettata din ir-responsabilita' da parti ta' Borg, il-kompitu ta' din il-Qorti huwa ghalhekk li tillikwida d-danni naxxenti kagun ta' l-istess incident kolpuz.

**L-artikolu 1045(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa car ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' u piz pekunjarja li jinkombi fuq minn huwa kagun ta' danni sofferti: "*Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghalija, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta igib".*

Dana l-artikolu gie minn dejjem interpretat fiil-gurisprudenza taghna li qieghed jistabilixxi zewg istanzi ta' telf soffert mid-danneggjat cioe dak aktar immedjat

[21] Fol 296-299

u dak futur; rispettivament allura ***damnum emergens*** u ***lucrum cessans,*** li minhabba in-natura intrinsika taghhom jinhtiegu inizjalment komputazzjonijiet separati.

Distinzzjoni awtorevoli dwar il-komputazzjoni ta' dan it-telf maqsum f'zewg branki nsibuha imfissra awtorevolment fil-**Kemp**[22] kif naraw aktar il quddiem.

**<u>Damnum Emergens</u>**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha[23] l-attrici tressaq il-proposta illi s-somma li ghandha tiġi likwidata bhala *damnum emergens* hija dik globali ta' **€5,557.84** rizultanti mis-somma ta' **€ 3350.31** in kwantu ghal spejjez naxxenti minn visti ghand professuri medici u spejjez ohrajn relattati kif rizultanti mid-dokumenti a fol 31 *et sequitur*, ukoll spejjez ohra nkorsi kif rizultanti mid-dokumenti a fol 308, ammontanti ghas-somma ta' €**2,127.53**, ukoll is-somma ta' **€80** vide folio 330, dawn kollha ammontanti ghas-somma imsemmija ta' €**5557.84**. Izid l-attrici li ma dawn ghandhom jigu kkunsidrati ukoll spejjez ohra minnha inkorsi wara li nqaghlu l-provi minhabba operazzjoni ohra li ssubiet u kura relatata li hi kellha tinkorri ghaliha dana fl-ammont ta' **€954.42,** vide dok MFZ1 sa MFZ5 . Ziedet ukoll fl-ahhar spejjez ohra extra-gudizzjarji konsistenti fl-ammont ta' **€6.99** ta' kopja ta' rapport tal-pulizija[24] u dawk fir-rigward ta' ittra ufficjali[25].

Ta' l-ispejjez kollha msemmija, l-attrici u zewgha prezentaw id-debita ricevuti u rapporti medici. Gie anke prezentat kopja tal-file mediku ta' l-istess attrici li juri l-veracita' tal-griehi u kura sussegwenti. Minhabba f'hekk il-konsegwenti spejjez relatati li l-attrici nkorriet huma ghal kollox kredibbli. Tqies ukoll li dawn ma gew bl-ebda mod ikkontestati mill-konvenuta ghajr ghal dak li se jigi rifless hawn taht.

[22] Damages for Personal Injury and Death, ( 3rd edition) § 3.02-3.03 page 64. Pagna 17 ta' din is-sentenza
[23] Fol 334
[24] Fol6
[25] Fol 15

Pero minn naha taghha l-konvenuta Agnes Borg irribattiet fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha[26] illi ghalkemm kienet qed taccetta r-responsabbilta' tal-incident u allura tad-danni kkagunati lil attrici, pero fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-*damnun emergens* dovut, hija kienet accettanti biss ghas-somma ta' **€5564.83.** Fil-fatt il-konvenuta kienet qed tikkontesta is-somma ta' **€954,42**, cioe dik pretiza mill-attrici relattiva ghal intervent kirurgu u kura li hi irceviet u nkorriet wara li nghalqu l-provi, in kwantu dawn l-istess ircevuti gew prezentati man-nota ta' sottomissjonijiet.

Qieset il-Qorti illi fis-seduta tat-13 ta' April, 2016[27] id-difensur ta' l-attrici kienet iddikjarat illi flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet hija kienet se tiprezenta l-ircevuti ta' l-ispejjez ulterjuri nkorsi mill-attrici li ma setghux jigu prezentati qabel l-gheluq tal-provi. Ma ghamlet ebda talba formali ghal dan. Talba ghal dan l-iskop, idejalment b'rikors, kienet anke tippermetti lil parti l-ohra zmien adekwat tezamina, tirribatti l-istess u anke tikkontesta l-istess spejjez jekk tinhass il-htiega.

Bla dubju ta' xejn kif ben irrilevat il-konvenuta Borg fin-nota taghha dawn id-dokumenti ikkontestati, dawk rizultanti bhala dok MFZ1 sa MFZ5[28] jikkostitwixxi provi godda, dana meta kif gia irrizulta l-istadju tal-provi kien ilu ferm u ben maghluq.

Provi godda prezentati wara l-gheluq ta' l-istess jafu jippregudikaw b'mod serju u rrimeddjabbli lil-kontro parti li ma jkollhiex allura opportunita tirribatti l-istess b'kull mezz permezz lilha bil-ligi. Huwa meqjus u stabbilit illi s-sottomissjonijiet ghandhom ikunu biss u rigwardanti il-provi akkwisiti fl-inter processwali u xejn aktar. Ghaldaqstant f'dan ir-rigward tilqa' s-sottomissjonijiet tal-konvenuta Agnes Borg u tqies lis-somma li ghandha tiġi likwidati *qua* dannu emergenti hija dik ta' **€5564.83** ad esklussjoni tas-somma ta' **€954.42**.

[26] Fol 344
[27] Fol 333
[28] Fol 339-343

## Lucrum Cessans

Is-Sub inciz 2 ta' l-artikolu suriferit jaqra *"Is-somma li ghandha tiġi moghtija ghal din l-inkapacita' tiġi stabbilita' mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita' ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."*

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina *n funditus* din il-branka tad-danni, jinhtieg li jigi ppuntwalizzat illi fl-ewwel lok illi l-Qorti taghmel taghha u tabraccja *in toto* l-konklussjonijiet peritali, konsegwentement qeghda taqbel illi l-persentagg tad-debilita' permanenti sofferta mill-attrici Mary Farrugia kagun ta' l-incident stradali huwa dak ta' **14%.** Taqbel ma dak konkluss mill-esperti illi tali figura kellha tintlahaq abbracat il-principju llum ben accettat tal-*weighted average* in kwantu kagun ta' l-imsemmi incident hija spiccat sofferenti ta' zewg kumplikazzjonijiet medici distinti. Dan huwa, kif jirrizulta mir-rapport peritali nnifsu, principju gurisprudenzjali stabbilit, kif ben qalet il-Qorti tal-Prim'Awla Civili fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Bartolo et. vs George Zammit**, deciza fit-30 ta' April, 2001, fejn kienu jirrizultaw debilitajiet varji ferm gravi u allura il-Qorti kienet rinfaccjata b'diversi percentaggi, illi;

*"Din id-diffikulta' gejja wkoll mill-fatt li:*

*The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion; per Morris L.J. in Scott v Musial"*

L-istess sentenza kompliet billi ghamlet referenza ghal dak li kienet gia qalet il-Prim'Awla fil-kaz ta' **M.Caruana vs G. Camilleri**[29] li tkellmet dwar il-*weighted average* u b'referenza ghal B**utler vs Heard** ziedet dak gia citata mill-

[29] JSP 5/10/93

periti fir-relazzjoni taghhom[30] "*..dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita' f'sens purament mediku, izda l-effetti illi l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat"*

Qieset din il-Qorti illi fil-kaz ricenti fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deciz fil-25 ta' Frar 2016**[31] din il-Qorti diversament preseduta elaborat b'mod elokwenti l-principji generali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-gurisprudenza matul is-snin:

*"Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija* ***"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"*** *– A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha multiplier system, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif intqal fil-kawza* ***"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"*** *– A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu." Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi –* ***"Savona vs Asphar"*** *App. Deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("***Emanuel Mizzi vs Carmel Attard***":- 13.5.2003); u li "dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun*

[30] Fol 327
[31] Fol Rikors Guramentat 836/01LSO

*tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`."* – ***"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"*** *– Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-kaz* ***"Paul Debono vs Malta Drydocks****" P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l nkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

Inghad dwar dan fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Malcolm Cumbo vs Malta Freeport Terminals Ltd.**[32]

*"Illi f'dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diga' minn dak inhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċita' għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;*

*Illi l-kliem "inkapaċita għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dak il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizza kieku ma kienx għall-event leżiv";*

[32] Rikors Guramenta 831/2009 JRM 30/06/2016

*Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-prinċipju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn*[33]*;*

*Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li jħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "past pecuniary loss" u "future pecuniary loss". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*[34]*";*

*Illi din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;*

*Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċizjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-'lucrum cessans' jittieħed minn dak inhar li jkun*

---

[33] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Debono vs Andrew Vaswani*** (mhix appellata)

[34] Kemp (Ed), *Damages for Personal Injury and Death*, (3rd Edit) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ.64

*seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża*[35]*. Iżda l-kriteru tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunita' għall-vitma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansittra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha*[36]*;"*

**Ikkonsidrat ulterjorment**

Ma hemmx kontestatazzjoni bejn l-partijiet illi l-attrici ghalkemm mara tad-dar u nonostante li ma tippercepixxix paga minghand datur tax-xoghol ufficcjali, hija xorta hija ntitolata ghal kumpens ta' telf ta' qliegh. Dan huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna kurrenti u cioe ghalkemm mara mizzewwga ma kellhiex impieg fiz-zmien tal-korriment, xorta jisthoqqilha tinghata kumpens adekwat ghal griehi minnha sofferti fl-incident dannuz[37] *siccome* llum huwa gustament meqjus illi x-xoghol ta' mara tad-dar jista' jissarraf f'hidma ekonomika, ghalhekk llum huwa paragonat ma' impieg bi qliegh effettiv.[38]

Il-partijiet jaqblu fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom illi l-kejl li ghandha tiehu l-Qorti biex tiddettermina l-ammont tal- qliegh tal-korruta attrici (inkwantu mara tad-dar) hija dik tal-paga nazzjonali minima[39] bejn is-snin 2010 u 2016 ghalhekk l-ammont kif suggerit fin-nota ta' sottomissjonijiet attrici[40] cioe dak ta' **€58,546.28**, koprenti din is-somma seba' snin qliegh fil-hajja ta' l-attrici.

35 App. Ċiv. **30.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs. Conti et*** (kollez. Vol. **XLVIII.i.500**)
36 App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs. Carbone noe*** (kollez, Vol. **LXXXII.ii.242**)
37 App Civ 19.9.73 Carmelo Zammit et. vs George Bezzina; App Civ 16.01.84 Apap vs Degorgio
38 Ara f'dan is-sens P.A. RCP 29.02.2000 Jane Gauci vs Saviour Magri et.
39 Ara P.A. GDC 21.02.1997 Elizabeth Grech vs Mario Briffa.
40 Fol 336 tergo

Hemm pero kontestazzjoni bejn l-partijiet fuq il-**multiplier** li ghandu jigi uzat biex tiġi agustata din is-somma. L-attrici kellha fi zmien ta' l-incident l-eta' ta' 52 sena. Huwa suggerit fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha lil *multiplier* gust fil-kaz in ezami huwa dak ta' hdax (11) koprenti is-seba snin gia kkalkolati, maghdud ma dawn erba' (4) snin ohra biex tkoppri n-nuqqas ta' pensjoni fil-kaz ta' mara tad-dar. Il-konvenuta Borg minn naha taghha rribattiet bil-figura ta' multiplier fl-ammont ta' tmien (8) snin.[41]

Dwar il-kuncett tal-*multiplie*r, insibu li jinghad dan:

"*A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*."

**(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).**

Ghalhekk gie ritenut li l-*multiplier* irid jinkorpora fih dak l-element ta' '*chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'*.

Fil-kaz "**Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace**" Appell Civili deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:

[41] Fol 345 nota sottomissjonijiet

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

Il-*multiplier* gie definit kif gej:

"*In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income*." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).

*Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri** ) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-*cirkostanzi. *Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kritjeri arbitrarji."*[42]

[42] Rik Guramentat 836/2001/2 LSO Joseph Zammit vs Joseph Bonello u Ronald Bonello et. 25/02/2016

Jidher li biex tiġi stabbilita' unita' fid-decizzjonijiet illi l-qrati taghna addottaw linja gwida ta' dak li ghandu jkum il-*multiplier* bbazat fuq iz-zmien tad-danneggjat fiz-zmien ta' l-evvent dannuz[43].

| Eta Vittma | Multiplier Massimu |
|---|---|
| 0 - 15 | 40 |
| 16 - 20 | 37 |
| 21 - 25 | 35 |
| 26 - 30 | 30 |
| 31 - 35 | 25 |
| 36 - 40 | 20 |
| 41 - 45 | 15 |
| 46 - 50 | 13 |
| 51 - 55 | 11 |
| 56 + | 5 jew inqas |

Kif intqal, l-attrici da parti taghha tqies lil multiplier applikabbli fir-rigward ghandu jkun ta' hdax (11) il-sena ghaliex qieset illi wara l-gheluq ta' tmien (8) snin biex tilhaq l-eta' pensjonabbli, kellhom jigu agunti erba' (4) snin ohra, skont il-kazistika minnha ccitatata biex taghmel tajjeb ghal fatt li mara tad-dar ma tippercepiex pensjoni.

Minn naha taghha l-konvenuta li ukoll taghmel referenza ghal skeda uzata[44] qieset lil multiplier adekwat fil-kaz odjern huwa dak ta' tmien (8) snin.

[43] Ara per ezempju App. 817/1999/2 24.04.2015 Raymond Sammut vs Anthony Micallef: P.A. Cit. Nru.587/2003 06/07/2011 Joe Caruana vs Philip Chircop & Sons Ltd. Et.

Tqies din il-Qorti applikata l-iskeda suriferita stante li l-attrici twieldet fit 23 ta' Novembru, 1957, u jirrizulta li fid-data ta' l-incident cioe fil 5 ta' Lulju, 2010 kellha l-eta' ta' 52 sena, li l *multiplier* idoneju fil-kaz in ezami ghandu jkun ta' **hdax (11).**

Il-Qrati taghna f'gurisprudenza ormai kopjuza zviluppaw ukoll il-kuncett ta' tnaqqis li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni mill-istess somma likwidata biex ikopri dak li aktar 'il fuq gie msejjah "*chances and changes of life*". Dan semplicement ghaliex fil-kors ta' hajja normali bniedem jiffaccja sitwazzjonijiet ghal kollox imprevisti li jbiddlu u jvarjaw dak li kienu l-aspettativ anke fil-konfront ta' qliegh futur. L-istess tnaqqis kif gia nghad jahseb biex jibbilancja id-drittijiet tad-dannegjat ma' dak tar-responsabbli minhabba l-fatt ukoll lid-danneggjat ikun qieghed jircievi somma f'daqqa a kuntrast ta' qliegh mensili.

Intqal hekk dwar dan it-tnaqqis fil-kawza fl-ismijiet **Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et. noe** [45]:

.

*'Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-lump sum payment il-Qorti... jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal-lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data'.*

Fil-kaz **Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri** deciza fis-27 ta' Frar 2004[46] iddikjarat illi:

---

[44] Fol 345

[45] P.A 5 TA' Ottubru, 1995

*'Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda' jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv'*

Fil-kawza **Joseph Agius v All Services Ltd** intqal :
*'f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa (lump sum payment) lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero', tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza.'*

Ta' l-istess hsieb kien dak lil-Qorti hadnet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Joseph u Paul Zammit vs Duncan Galea et[47]:**

*"Din il-Qorti jidrilha li wiehed mill-aktar pronunzjamenti ricenti taghha fir-rigward u cioe dak fis-sentenza* ***Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited (31 ta' Jannar 2014)*** *ghandu jservi ta' gwida. F'dik is-sentenza l-Qorti qalet fost affarijiet ohra li:*

*"Dwar il-multiplier ta' 40 li uzat l-ewwel Qorti, meta tqis li l-attur kellu 23 sena meta wegga', u meta tqis ukoll li l-hajja lavorattiva qeghdha dejjem tizdied, izda, min-naha l-ohra, meta tikkonsidra l-element tac-"chances and changes in life", li minn dejjem gie kkonsidrat bhala parti integrali mill-komputazzjoni tal-hsara, izda li l-ewwel Qorti donnha ma qisietx, tara' li multiplier ta' 35 ikun wiehed aktar gust. Kif tghid l-awtrici* ***Vivienne Harpwood*** *fil-ktieb* ***"Modern Tort Law"*** *(ediz. 2009, pagna 438):*

---

[46] Qorti ta' l-Appell
[47] Appell Civili 651/2002/1 26.06.15

*““Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystall ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant’s future.”*

*“Din il-Qorti, fil-kawza* ***Gauci v. Bugeja****, deciza fis-27 ta Novembru, 2009, ikkummentat li, fil-verita`, wiehed ma jistax jaghti previzjoni tal-hajja lavorattiva, u kien fid-dawl ta’ dan li ddahhal fil-gurisprudenza l-fattur tac-“chances and changes of life”. B’riferenza ghall-gurisprudenza anterjuri osservat illi: “il-kuncett ta’ “the changes and chances of life”, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista’ tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor..... tenut kont ta’ dan isegwi li l-working life expectancy ma ghandux ikun ikkunsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-“multiplier”.*

*“Hekk ukoll, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili, fil-kaz* ***Busuttil et v. Farrugia****, deciza fl-4 ta’ Ottubru, 2011, ghamlet din l-osservazzjoni fir-rigward ta’ guvni li kien se jaghlaq tmintax (18) –il sena.*

*“Din il-Qorti tqis li ghalkemm hemm gurisprudenza fis-sens li l-multiplier ghandu jsir a bazi tal-eta` penzjonabbli pero` hemm gurisprudenza u din il-Qorti tqis li hi aktar gusta u ekwa li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni c-chances and changes of life li ma jfissrux necessarjament li persuna necessarjament ser tibqa’ tahdem sal-eta` penzjonabbli specjalment meta din ic-cirkostanza fil-kaz partikolari kienet ghadha ’l boghod hafna.”*

Ikkunsidrat

Illi mhaddna l-principji gurisprudenzjali hawn fuq enuncjati din il-Qorti tqies illi l-attrici fethet il-kawza tlett snin wara li soffriet l-incident kolpuz. Tifhem il-Qorti u fil-fatt dan jirrizulta mill-atti processwali li kienu ghaddejjin trattativi bejn l-istess attrici u s-socjeta assigurattrici tal-konvenuta Borg, tant li kif jirrizulta l-attrici anke hadet certu tul ta' zmien biex tinnotifika lill istess[48]. Dan it-tul mehud ma jistax pero jigi imputat lill-attrici. Jirrizulta ukoll illi il-kawza ilha pendenti ghal tlett snin u ma jidhirx li kien hemm hela ta' zmien attribwibbli lill-attrici li prezentat l-affidavits taghha u ammont ta' dokumenti biex ressqet il-provi taghha. Tqies ukoll il-Qorti li mhux eskluz li l-attrici jkollha tbati spejjez ohra fil-futur kemm fil-konfront ta' kura ohra u ghajnuna necessarja kagun ta' l-event dannuz daqstant iehor pero mhux eskluz illi il-hajja ta' l-attrici tinbidel tali li dana kollu ma javeriex ruhu. Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti illi it-tnaqqis *lump sum* biex ikopri dawk il-kontingenzi futuri ghandha tkun ta' **15%.**

Taqbel ukoll ma' l-oggezzjoni tal-konvenuta ghas-somma likwidata mill-attrici kif jirrizulta minn nota ta' sottomissjonijiet taghha[49], dik lil jinghata kumpens *arbitrio bono viri* ghas-somma ta' €14,300 (multiplier ta' 11 fuq medja ta' €1,300 fis-sena) sabiex tigi kkumpensata ghal spejjez futuri minhabba bzonn futur ta' l-attrici ghal ghajnuna ta' facendi fid-dar minhabba id-dizabilita' taghha. Fil-fatt il-Qorti tqies illi l-oggezzjoni tal-konvenuta hija ben fondata nkwantu it-talba la hija pruvata u ghal kollox ipotetika. Illum l-attrici kif xehdet hi kif ukoll zewgha fl-affidavit taghhom, gia ghandha dawn il-problemi ta' tindif tad-dar u gieli rrikorriet ghal ghajnuna barranija ta' ohtha. Jzid jghid zewgha li barra minn hekk gieli jghin hu u binhom. Biex tigi solvuta din il-problema huma

[48] Vide verbali a fol 30 u 61
[49] Fol 337

kienu anke hasbu li jcekknu d-dar matrimonjali, biex inehhu l-problema tat-tarag, fatt dan li ghad jista jiddekorri. Lanqas ma hu eskluz li mal-avvanz taz-zmien l-attrici kienet xorta u *a prescendere mill*-incident, tirrikorri ghal ghajununa ta' facendi fid-dar, li allura kienet thallas mill-introjtu li kien se jkollhom il-konjugi Farrugia. Tista' tifhem u tapprezza pero' l-Qorti li minhabba diffikultajiet fisici llum l-attrici qeghda tirriskontra aktar problemi fil-konfront ta' tindif u facendi, pero dan kif suriferit ittiehed ukoll in konsiderazzjoni fit-tnaqqis tal-*lump sum payment*, dejjem tenut kont tal-kriterju illi wiehed jinhtieg zzomm f'mohhu it-tibdiliet u varjazzjonijiet fic-cirkostanzi tal-hajja li huma ghal kollox imprevvisti u ghalhekk qajla tista tqieshom bhala bazi ta' kriterju fiss. Ghaldaqstant tilqa' l-oggezzjoni f'dan ir-rigward sollevata mill-konvenuta.

Accetat minn din il-Qorti il-multiplier ta' **hdax (11**), taqbel ukoll il-Qorti ma dak suggerit mill-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi l-ahhar erba (4) snin (oltre is-seba mahduma bil-paga minima) ghandhom ukoll jinhadmu fuq l-ahhar rata tal-paga minima tas-sena 2016 li allura jwasslu ghas-somma ta' **€34,946.08**[50]. Ma din is-somma ghandha tigi maghduda s-somma ta' **€58,546.28**[51], kif komputata mill-attrici ghal-ewwel seba' (7) snin paga mill-multiplier ta' hdax (11), dan jwassal ghas-somma komplessiva ta' **€93, 492.36.**

Ghalhekk is-somma kif likwidata bhala *lucrum cessans* hi;
**€93,492.36** (paga minima b'*multiplier* ta' hdax) x **14%** disabilita' = **€13,088.93 – 15%** *lump sum payment* = **€11,125.590**

Konsegwentement it-telf likwidata quo *lucrum cessans* huwa dak ta' **€11,125.590** li ghandu jigi maghdud ma dak stabbilit bhala dannu emergenti fl-ammont ta' **€5564.83** ammontanti globalment ghas-somma ta' **€16,690.42.**

---

[50] €8,736.52 x4
[51] Ma din is-somma hemm qbil da parti tal-konvenuta ara nota ta' sottomissjonijiet a folio 347

**Konsegwentement taqta' u tiddecidi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Bosede Bolanle Florounso u tilqaghhom fil-kumplament.**

**Tilqa' t-talbiet attrici biss fil-konfront tal-konvenuta Agnes Borg b'dan li ssibha unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-5 ta' Lulju, 2010 ghall-habta tas-6.30 am fi triq il-Wileg, San Pawl, f'liema incident korriet kif espost l-attrici.**

**Tillikwida d-danni sofferti mill-istess attrici fis-somma ta' €16,690.42. Tikkundana lil Agnes Borg thallas lil attrici Mary Farrugia s-somma hekk likwidata fl-ammont ta' €16,690.42 bl-ispejjez kollha kemm dawk extra gudizzjarji kif ukoll gudizzjarji u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez inkorsi mill-konvenut Bosede Bolanle Florounso ghandhom jkunu kwart a kariku tal-konvenut Florounso u u tlett kwarti a karigu ta' l-attrici. .**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**